Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Diċembru 2018
(OR. en)

15508/18

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0412 (CNS)**

FISC 559
ECOFIN 1198
EF 325

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur |
| data meta waslet: | 12 ta' Diċembru 2018 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2018) 812 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2018) 812 final.

Mehmuż: COM(2018) 812 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.12.2018
COM(2018) 812 final

2018/0412 (CNS)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament**

{COM(2018) 813 final} - {SEC(2018) 495 final} - {SWD(2018) 487 final} - {SWD(2018) 488 final}

# MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

F’Ottubru tal-2017[1], il-Kummissjoni kienet diġà impjenat ruħha biex tindirizza l-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tat-taxxa fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “kummerċ elettroniku”), billi ttejjeb il-kooperazzjoni mal-partijiet terzi. Fid-dikjarazzjoni inkluża fil-minuti għall-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 (id-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku)[2] f’Diċembru 2017, il-Kunsill saħaq dwar il-ħtieġa li jitjiebu l-għodod ta’ kontra l-frodi[3]. L-inizjattiva attwali għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku tikkomplementa u twitti t-triq għall-applikazzjoni bla xkiel tal-miżuri l-ġodda introdotti permezz tad-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni[4].

B’mod partikolari, id-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku introduċiet obbligi ġodda tal-VAT għall-postijiet tas-suq online[5] u simplifikazzjonijiet ġodda biex jgħinu lin-negozji jikkonformaw mal-obbligi tal-VAT għall-provvisti ta’ servizzi, il-bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija u importazzjonijiet, inklużi r-reġistrazzjoni elettronika tal-VAT u l-ħlas tal-VAT permezz ta’ Punt Uniku ta’ Servizz (reġistrazzjoni fi Stat Membru wieħed minflok fl-Istati Membri kollha tal-konsum). Dawn il-miżuri se jsaħħu l-konformità tal-VAT billi jissimplifikaw is-sistema tal-VAT, iżda l-awtoritajiet tat-taxxa xorta waħda jeħtieġ li jkunu jistgħu jidentifikaw u jikkontrollaw in-negozji frawdolenti. Bħalissa, din hija sfida għall-awtoritajiet tat-taxxa. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri[6] rrimarkat li l-leġiżlazzjoni tal-VAT dwar il-kummerċ elettroniku tibbaża essenzjalment fuq ir-rieda tan-negozji li b’mod volontarju jirreġistraw u jħallsu l-VAT dovuta. Madankollu hemm limiti kemm l-Istati Membri jistgħu jużaw il-qafas legali attwali għall-kooperazzjoni amministrattiva. Jekk is-simplifikazzjonijiet tal-konformità msemmija hawn fuq ma jkunux akkumpanjati minn miżuri kontra l-frodi, il-frodaturi ftit li xejn se jkollhom inċentiv biex jibdlu l-attitudni tagħhom u

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew dwar is-segwitu għall-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-VAT – Lejn żona unika tal-VAT fl-UE – Wasal iż-żmien li naġixxu (COM (2017) 566 final), il-punt 2.1.1, paġna 3. Ara wkoll il-punt 6 ta’ “20 measures to tackle the VAT gap”, anness mal-Pjan ta’ Azzjoni dwar il-VAT, disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/taxation_customs/sites/taxation/files/docs/body/2016-03_20_measures_en.pdf

2 Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta’ Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta’ ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta’ servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta’ oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

3 Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 14769/1/17 REV 1, it-30 ta’ Novembru 2017, http://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-14769-2017-REV-1/mt/pdf

4 Implimentazzjoni tal-Istrateġija dwar is-Suq Uniku Diġitali - Suq Uniku Diġitali (COM (2017) 228 final, 10.5.2017) ara: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1496330315823&uri=CELEX:52017DC0228

5 L-Artikolu 14a tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE se jqis il-postijiet tas-suq online, il-pjattaformi u l-portali bħala “fornituri” biex jiġi ffaċilitat il-bejgħ ta’ merkanzija permezz tal-interfaċċi elettroniċi tagħhom. Dawn se jitqiesu li rċevew u fornew dik il-merkanzija huma stess għal (a) bejgħ mill-bogħod ta’ merkanzija importata minn territorji terzi jew minn pajjiżi terzi li l-valur tagħha ma taqbiżx il-EUR 150, u (b) l-iffaċilitar permezz ta’ dawn il-pjattaformi tal-provvisti ta’ merkanzija min-negozju għall-konsumatur (B2C) li huma diġà fl-UE (jiġifieri f’ċentri ta’ eżekuzzjoni) minn persuni taxxabbli li mhumiex stabbiliti fl-UE.

6 Id-dokument ta’ sfond tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri, “Collection of VAT and customs duties on cross-border e-commerce”, Lulju 2018.

jibdew jikkonformaw mal-obbligi tal-VAT. Għalhekk, is-suċċess tal-miżuri ta' konformità fil-kummerċ elettroniku jiddependi wkoll mill-effettività tal-miżuri kontra l-frodi li jridu jiġu żviluppati b'mod parallel.

Il-kummerċ elettroniku ilu jikber b'pass mgħaġġel għal dawn l-aħħar snin, billi jgħin lill-konsumaturi biex jixtru merkanzija u servizzi online. Il-konsumaturi jistgħu jagħżlu bejn fornituri, prodotti u marki differenti. Jistgħu wkoll iħallsu online f'ambjent ta' fiduċja mingħajr ma jiċċaqalqu minn fejn il-kompjuter jew l-ismartphone tagħhom. Il-fornituri bidlu l-mudelli ta' negozju tagħhom biex jibbenefikaw mill-kummerċ elettroniku u jbigħu l-prodotti tagħhom lill-konsumaturi b'mod globali mingħajr il-ħtieġa ta' preżenza fiżika għall-bejgħ bl-imnut. Madankollu, din l-opportunità tiġi sfruttata wkoll minn negozji frawdolenti biex jiksbu vantaġġ inġust fis-suq billi ma jissodisfawx l-obbligi tagħhom tal-VAT.

Il-valutazzjoni tal-impatt mehmuża ma' din il-proposta identifikat tliet każijiet prinċipali ta' frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku transfruntier: (i) provvisti intra-UE ta' merkanzija u servizzi, (ii) importazzjonijiet ta' merkanzija minn negozji stabbiliti f'pajjiż terz jew f'territorju terz (jiġifieri pajjiż jew territorju barra mill-UE) għall-konsumaturi fl-Istati Membri, u (iii) provvisti ta' servizzi minn negozji stabbiliti f'pajjiż terz[7] għall-konsumaturi fl-Istati Membri.

It-telf totali tal-VAT fl-Istati Membri dwar il-provvisti transfruntiera tal-merkanzija huwa stmat għal EUR 5 biljun fis-sena[8]. Il-frodi tal-VAT kienet irrappurtata wkoll fil-provvisti transfruntiera tas-servizzi, jiġifieri fit-televiżjoni online u l-logħob diġitali[9]. Din il-frodi kienet dokumentata mill-Europol u mill-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea fl-aħħar rapport tal-Europol dwar id-distribuzzjoni illegali tax-xandir televiżiv (u l-bejgħ tal-aċċess għalihom)[10]. Din il-frodi kienet dokumentata wkoll mill-organizzazzjoni tal-industrija televiżiva Nordika Content Protection (NCP)[11]. Biss biss id-distributuri tat-televiżjoni online fid-Danimarka, il-Finlandja u l-Iżvezja (dawn il-pajjiżi flimkien għandhom inqas minn 10 % tas-suq tat-televiżjoni online totali tal-UE f'termini ta' dħul)[12] jistmaw li t-telf annwali tal-bejgħ tagħhom mid-distribuzzjoni illegali jammonta għal EUR 436 miljun. Dan jammonta għal madwar EUR 103 miljun f'telf potenzjali tal-VAT[13]. Dawn iċ-ċifri (li se jkomplu jikbru b'mod parallel mat-tkabbir tal-kummerċ elettroniku) juru l-ħtieġa urġenti li tittieħed azzjoni għall-glieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Madankollu, il-biċċa l-kbira tal-awtoritajiet tat-taxxa ma għandhomx l-għodod u s-sorsi ta' informazzjoni biex jikkwantifikaw

[7] Dan jinkludi territorji terzi skont l-Artikolu 6.

[8] Ara l-propiosta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti (COM(2016) 757 final), p. 2.

[9] L-ammont ta' xandir televeżiv illegali fil-Latvja fl-2015, Stockholm School of Economics, "Nelegālās maksas TV apraides apjoms Latvijā 2015", disponibbli fuq: https://www.researchgate.net/profile/Arnis_Sauka/publication/303382487_Nelegalas_maksas_TV_apraides_apjoms_Latvija_2015/links/573f5c7408ae298602e8f2f2.pdf

[10] Il-Europol u l-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea: "2017 Situation Report on Counterfeiting and Piracy in the European Union", disponibbli fuq www.europol.europa.eu/publications-documents/2017-situation-report-counterfeiting-and-piracy-in-european-union

[11] Nordic Content Protection: "Trend Report 2017", disponibbli fuq: www.ncprotection.com/wp-content/uploads/2017/03/Trend-Report-2017.pdf

[12] Ara: www.ofcom.org.uk/__data/assets/pdf_file/0027/95661/ICMR-2016-4.pdf

[13] Ikkalkulat bl-użu tar-rati standard mingħajr ma tqiesu r-rati mnaqqsa.

il-livell tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku[14]. Fil-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, l-internet jippermetti li n-negozji frawdolenti jaħbu l-identità tagħhom wara isem ta' dominju. Anke meta awtorità tat-taxxa tkun konxja bl-eżistenza ta' ħanut online partikolari, ħafna drabi l-identità tan-negozju warajh, il-pożizzjoni fejn jinsab realment jew il-fatturat tiegħu f'dak l-Istat Membru, jibqgħu mhux magħrufa. Dan joħloq problema għall-awtoritajiet tat-taxxa li jista' jkun li jibdew investigazzjoni jew kooperazzjoni amministrattiva fil-livell tal-UE jew dak internazzjonali. L-Istati Membri tal-konsum, jiġifieri fejn trid titħallas il-VAT, x'aktarx ma jkollhom l-ebda rekord jew informazzjoni biex tinbeda spezzjoni. Dan jirriżulta minħabba l-fatt li l-konsumaturi finali mhuma obbligati jżommu l-ebda rekord tax-xiri online tagħhom. Anke kieku jżommu rekord tax-xiri online, ikun sproporzjonat li jsir rikors sistematiku għal dawn il-konsumaturi finali biex tiġi investigata l-frodi tal-VAT mill-bejjiegħ.

Barra minn hekk, meta ma jkunux magħrufa la l-frodaturi u lanqas il-pożizzjoni tagħhom, mhux faċli jiġi identifikat l-Istat Membru li jrid jindirizza talba għal kooperazzjoni amministrattiva.

Dan jista' jwassal għal ammont kbir ta' talbiet għall-identifikazzjoni. Dawn kieku jridu jintbagħtu jew lil parti terza (jiġifieri, il-post tas-suq online jew il-fornituri tas-servizzi ta' pagament) li potenzjalment tista' żżomm l-informazzjoni, jew jintbagħtu lill-awtorità tat-taxxa ta' pajjiż fejn tkun stabbilita l-parti terza. Madankollu, dan kieku jitqies bħala sproporzjonat skont l-Artikolu 54(1) tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 54(2) tal-istess Regolament, l-Istati Membri ma jistgħux jintalbu jipprovdu informazzjoni jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom ma tawtorizzahomx jiġbruha. Dan jillimita l-possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jitolbu data ta' parti terza minn Stati Membri oħra.

Din il-proposta tipprova ssolvi l-problema tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku billi ssaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tat-taxxa u l-fornituri tas-servizzi ta' pagament. F'dawn l-aħħar snin, aktar minn 90 % tax-xiri online mill-klijenti Ewropej sar bi trasferimenti ta' kreditu, b'pagamenti ta' debitu dirett u b'pagamenti bil-kard, jiġifieri permezz ta' intermedjarju involut fit-tranżazzjoni[15] (fornitur ta' servizzi ta' pagament), u din ix-xejra se tissokta anke fil-futur[16]. Għalhekk, il-partijiet terzi li jkollhom informazzjoni dwar il-pagamenti jistgħu jagħtu stampa sħiħa tax-xiri online lill-awtoritajiet tat-taxxa biex jgħinuhom iwettqu l-kompitu tagħhom kif xieraq ta' monitoraġġ tal-konformità mal-obbligi tal-VAT dwar il-provvisti ta' kummerċ elettroniku ta' merkanzija u servizzi. L-esperjenza tal-Istati Membri li diġà jikkooperaw ma' fornituri tas-servizzi ta' pagament fil-livell nazzjonali wriet li l-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi ta' pagament tipproduċi riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku[17]. Xi pajjiżi mhux tal-UE jużaw ukoll l-informazzjoni dwar il-pagamenti bħala għodda għall-identifikazzjoni ta' operaturi tas-

---

14 Fil-konsultazzjoni mmirata biex titħejja din il-proposta, tliet awtoritajiet tat-taxxa biss ipprovdew stimi approssimattivi tat-telf tal-VAT dwar provvisti intra-UE ta' merkanzija B2C, provvisti intra-UE ta' servizzi B2C u importazzjonijiet ta' merkanzija fl-2015, l-2016 u l-2017.

15 "E-shopper barometer 2017" (DPD group), disponibbli fuq: https://www.dpd.com/be_en/business_customers/dpd_insights/e_shopper_barometer_2017 u International Post Corporation, "e-Commerce logistics and delivery", eCom21 2016.

16 Ara: https://www.atkearney.com/documents/10192/1448080/Winning+the+Growth+Challenge+in+Payments.pdf/b9da93a5-9687-419e-b166-0b25daf585ff, p. 5.

17 B'mod partikolari, l-awtorità tat-taxxa Finlandiża kienet kapaċi tiġbor EUR 16-il miljun fl-2016 abbażi tal-kooperazzjoni ma' fornituri tas-servizzi ta' pagament.

suq mhux konformi flimkien ma' sistemi ta' ġbir simplifikati għall-provvisti transfruntiera ta' merkanzija B2C, simili għas-sistema tal-UE[18].

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta tikkumplimenta l-qafas regolatorju attwali tal-VAT kif ġie modifikat dan l-aħħar bid-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku fil-kuntest tal-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali tal-Kummissjoni. Barra minn hekk, din l-inizjattiva ssaħħaħ il-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva biex tiġi indirizzata aħjar il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex terġa' tinkiseb il-kompetizzjoni ġusta. Waħda mill-prijoritajiet tal-Kummissjoni hija l-ġlieda kontra l-frodi tat-taxxa u l-evażjoni tat-taxxa biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni u biex tgħin jiġi żgurat id-dħul nazzjonali u tal-UE. Il-linji gwida politiċi[19] tal-Kummissjoni attwali sejħu biex isiru aktar sforzi fil-ġlieda kontra l-evażjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa u fl-Istat tal-Unjoni 2018[20] ġie enfasizzat li l-Kummissjoni qed issegwi strateġija estensiva biex tiżgura li l-kumpaniji kollha, kemm kbar kif ukoll żgħar, iħallsu s-sehem ġust tagħhom tat-taxxa.

Ir-Regolament (UE) Nru 2018/1541[21] li jemenda r-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur[22] joħloq għodod ġodda għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri. Dawn l-għodod se jintużaw prinċipalment għall-ġlieda kontra (i) l-hekk imsejħa frodi karusell (imwettqa fuq tranżazzjonijiet B2B); (ii) il-frodi li tinvolvi l-iskema ta' marġni applikabbli għall-karozzi użati; (iii) il-frodi li tisfrutta reġimi doganali speċifiċi applikabbli għall-importazzjonijiet li jitwettqu minn persuni taxxabbli (anke fuq tranżazzjonijiet B2B); u (iv) se jippermettu li jittieħdu azzjonijiet konġunti bejn l-awtoritajiet tat-taxxa (jiġifieri inkjesti amministrattivi konġunti). Esperti minn awtoritajiet tat-taxxa u negozji fil-Forum tal-UE dwar il-VAT[23] jisħqu li l-forma tradizzjonali ta' kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT hija bbażata fuq rekords miżmuma min-negozji involuti direttament fil-katina ta' tranżazzjonijiet. Għall-provvisti transfruntiera B2C, din l-informazzjoni tista' ma tkunx direttament disponibbli u għalhekk il-kooperazzjoni "tradizzjonali" bejn l-awtoritajiet tat-taxxa mhijiex biżżejjed[24]. Għaldaqstant, din l-inizjattiva tikkumplimenta wkoll l-emendi li ddaħħlu l-aktar riċenti fil-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva tal-UE fil-qasam tal-VAT, billi tipprovdi lill-awtoritajiet tat-taxxa b'għodda ġdida biex jidentifikaw il-frodi tal-VAT fil-provvisti transfruntiera B2C.

[18] Ara l-Anness 11 tal-Valutazzjoni tal-Impatt, "Third countries using payment data as VAT control tool".

[19] Ara: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/juncker-political-guidelines-speech_mt.pdf

[20] Ara: https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/soteu2018-brochure_mt.pdf

[21] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1541 tat-2 ta' Ottubru 2018 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 904/2010 u (UE) 2017/2454 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 259, 16.10.2018, p. 1).

[22] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

[23] Il-Forum tal-UE dwar il-VAT huwa grupp ta' esperti tal-Kummissjoni li joffri pjattaforma ta' diskussjoni fejn in-negozji u l-awtoritajiet tal-VAT jiltaqgħu biex jiddiskutu kif tista' titjieb fil-prattika l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-VAT. Ara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Lulju 2012 li tistabbilixxi l-Forum tal-UE dwar il-VAT (ĠU C 198, 6.7.2012, p. 4).

[24] "Consolidated report on cooperation between Member States and businesses in the field of e-commerce/modern commerce", p. 5. Ara: https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/vat/vat-reports-published_en

Fl-aħħar nett, jenħtieġ li din l-inizjattiva titqies ukoll f'kuntest internazzjonali. Meta l-frodi titwettaq minn fornituri stabbiliti f'pajjiż terz jew f'territorju terz, il-kooperazzjoni internazzjonali hija kruċjali biex tiġi rkuprata l-VAT dovuta. Dan l-aħħar l-Unjoni kkonkludiet ftehim ta' kooperazzjoni dwar il-VAT man-Norveġja[25] u hija attiva fl-OECD biex jissaħħaħ l-użu tal-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva fil-livell internazzjonali. Din l-inizjattiva se tipprovdi lill-Istati Membri b'evidenza biex tidentifika frodaturi f'pajjiżi terzi. Din l-evidenza se tintuża bħala l-ewwel pass biex tiġi attivata l-kooperazzjoni internazzjonali jew biex tikkontribwixxi għad-djalogu internazzjonali dwar it-titjib tal-kooperazzjoni amministrattiva ma' ġurisdizzjonijiet oħra.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal din l-inizjattiva hija l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu skont proċedura leġiżlattiva speċjali biex jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta sal-punt li din l-armonizzazzjoni tkun meħtieġa biex jiġu żgurati l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq uniku u biex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni.

- **Sussidjarjetà**

Din l-inizjattiva hija konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà, peress li l-problema prinċipali inkwistjoni, jiġifieri l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, hija komuni għall-Istati Membri kollha u li qed tmur għall-agħar minħabba n-nuqqas ta' għodod għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa. L-Istati Membri waħedhom, mhumiex kapaċi jiksbu mingħand partijiet terzi bħall-fornituri tas-servizzi ta' pagament, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu kkontrollati l-provvisti transfruntiera ta' merkanzija u servizzi għall-finijiet tal-VAT, biex jiżguraw li jiġu applikati b'mod korrett ir-regoli tal-VAT fil-kummerċ elettroniku (kif ġew emendati reċentament bid-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku) u biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Għalhekk, il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri hija kruċjali. Il-qafas legali għall-kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri fil-qasam tal-VAT huwa stipulat fir-Regolament (UE) Nru 904/2010. Għaldaqstant, kull inizjattiva li tintroduċi għodod ġodda għall-kooperazzjoni mmirata għal din il-problema speċifika teħtieġ proposta mill-Kummissjoni biex jiġi emendat il-qafas legali eżistenti tal-UE. Biex l-awtoritajiet tat-taxxa jiġbru d-data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT, iridu jiddaħħlu obbligi ġodda għaż-żamma tar-rekords għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament. Dan jeħtieġ proposta biex temenda d-Direttiva tal-VAT.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jiġi ssodisfat l-objettiv tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. B'mod partikolari, is-sistema l-ġdida mistennija tipprovdi lill-awtoritajiet tat-taxxa bl-informazzjoni u bir-riżorsi meħtieġa biex tiġi identifikata l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex jiġbru l-ammonti tal-VAT addizzjonali. Il-piż amministrattiv tan-negozji u tal-awtoritajiet tat-taxxa jitnaqqas b'mod ġenerali meta jitqabbel mas-sitwazzjoni attwali, u n-negozji leġittimi jibbenefikaw minn kundizzjonijiet aktar ekwi.

---

[25] Ara: http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2018/02/06/eu-norway-agreement-signed-strengthening-the-prevention-of-vat-fraud/

Ir-rekwiżit għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament biex iżommu għadd ta' rekords li jintbagħtu lill-awtoritajiet tat-taxxa jikkonforma wkoll mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Il-fornituri tas-servizzi ta' pagament se jkunu meħtieġa jżommu rekords tad-data li diġà jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jeżegwixxu t-tranżazzjonijiet ta' pagament. Barra minn hekk, l-istabbiliment ta' obbligu armonizzat fil-livell tal-UE għaż-żamma tar-rekords u t-trażmissjoni tad-data lill-awtoritajiet tat-taxxa se jillimita l-piżijiet amministrattivi fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament (meta jitqabbel mal-piż li jirrappreżenta fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament l-obbligu li jikkonformaw ma' approċċi nazzjonali diverġenti).

Il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT hija objettiv importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni u tal-Istati Membri. L-esperti kontra l-frodi tal-awtoritajiet tat-taxxa se jipproċessaw biss id-data meħtieġa biex jinkiseb dak l-objettiv (il-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku), f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data[26], ir-Regolament (UE) 2018/1725[27] u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali[28]. Preċiżament, se tiġi proċessata biss id-data li permezz tagħha l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu jistgħu (i) jidentifikaw il-fornituri, (ii) jivverifikaw l-għadd ta' tranżazzjonijiet u l-valur monetarju tagħhom u (iii) jivverifikaw l-oriġini tal-pagamenti. Din l-inizjattiva ma tinkludix id-data dwar il-konsumaturi, għajr id-data dwar l-Istati Membri ta' oriġini tal-pagamenti (jiġifieri l-Istat Membru li fih jinsabu l-konsumaturi). Il-proporzjonalità qed tiġi żgurata wkoll bl-istabbiliment ta' livell limitu li jekk ma jinqabiżx, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament ma jridux jibagħtu d-data dwar il-pagamenti lill-awtoritajiet tat-taxxa. Il-livell limitu jeskludi minn din l-inizjattiva u mill-ipproċessar tad-data personali, dawk il-pagamenti li wisq probabbli ma jirreferux għal attivitajiet ekonomiċi.

- **Għażla tal-istrument**

Qed tiġi proposta Direttiva fid-dawl tal-emenda tad-Direttiva tal-VAT biex tintroduċi obbligi ġodda għaż-żamma tar-rekords għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament.

Qed jiġi propost Regolament fid-dawl tal-emenda tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, biex tintroduċi bażi tad-data ġdida li tinkludi data dwar il-pagamenti fil-qasam tal-VAT li tkun aċċessibbli biss mill-Istati Membri għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

---

[26] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

[27] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[28] Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391).

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post**

Din il-proposta hija appoġġata minn evalwazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010, b'mod partikolari it-taqsimiet tagħha li jiffukaw fuq l-użu tagħha fil-qasam tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

B'mod ġenerali, l-awtoritajiet tat-taxxa qiesu r-Regolament (UE) Nru 904/2010 attwali, bħala għodda effettiva għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Madankollu, l-awtoritajiet tat-taxxa semmew li l-għodod li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom għall-kooperazzjoni amministrattiva ma jippermettux li jkun hemm identifikazzjoni u kontroll faċli tan-negozji online meta d-dominju u r-rekords tal-kontabilità ta' dawn in-negozji online jkunu qegħdin f'pajjiż ieħor (irrispettivament minn jekk dak il-pajjiż huwiex Stat Membru tal-UE jew le). L-awtoritajiet tat-taxxa saħqu wkoll fuq il-ħtieġa li jiżdied l-impenn tal-Istati Membri biex jinvestu aktar riżorsi fil-kooperazzjoni amministrattiva peress li din hija fattur fundamentali għaż-żieda tal-effettività tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 fil-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Fl-aħħar nett xi Stati Membri semmew ukoll li l-effettività tar-Regolament tista' tiżdied b'għodod ġodda, fosthom l-aċċess għall-informazzjoni rilevanti dwar il-pagamenti u l-iskambju ta' din l-informazzjoni.

Għalkemm l-awtoritajiet tat-taxxa qiesu li l-għodod stipulati fir-Regolament (UE) Nru 904/2010 huma rilevanti għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT, dawn enfasizzaw ukoll li hemm lok għal titjib. Skont l-awtoritajiet tat-taxxa, l-iżvilupp riċenti tal-kummerċ elettroniku u l-volumi kbar ta' tranżazzjonijiet tal-kummerċ elettroniku jeħtieġu għodod ġodda, aktar effettivi u aktar effiċjenti għall-kooperazzjoni amministrattiva. Barra minn hekk, skont l-awtoritajiet tat-taxxa, l-għodod eżistenti għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-futur se jsiru inqas rilevanti minħabba l-bidliet fil-mudelli tan-negozju u l-bidliet fix-xejriet tal-frodi tal-VAT.

Għalkemm l-awtoritajiet tat-taxxa ġeneralment ma jkollhomx evidenza kwantitattiva dwar il-benefiċċji u l-kostijiet tal-kooperazzjoni amministrattiva, dawn iqisu li l-benefiċċji tal-kooperazzjoni amministrattiva huma proporzjonali għall-kostijiet imġarrba mill-awtoritajiet tat-taxxa fl-iskambju ta' informazzjoni, jew saħansitra ogħla minnhom.

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 u l-proposta attwali jikkontribwixxu għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku. Dawn huma wkoll konsistenti mar-regoli tad-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku. Minkejja dan, l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri rrikonoxxew li t-tkabbir tal-kummerċ elettroniku jfisser li jridu jindirizzaw sfidi ġodda, bħal kif għandha tiġi proċessata d-data għall-identifikazzjoni tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u l-ġlieda kontrieha.

Fl-aħħar nett, kemm l-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew il-valur miżjud tal-qafas ta' kooperazzjoni amministrattiva stipulat fir-Regolament (UE) Nru 904/2010, peress li l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku taffettwa lill-Istati Membri kollha.

Bħala konklużjoni, l-evalwazzjoni wriet li l-miżuri nazzjonali kontra l-frodi mhumiex biżżejjed għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u li jeħtieġ li jkun hemm kooperazzjoni amministrattiva bejn l-Istati Membri. Din uriet ukoll li l-bidliet fix-

xejriet tal-kummerċ elettroniku jeħtieġu għodod ġodda u xierqa għall-iskambju ta' informazzjoni.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Fl-2017, il-Kummissjoni talbet l-opinjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati permezz ta' konsultazzjoni mmirata indirizzata lill-awtoritajiet tat-taxxa u lin-negozji, inkluzi b'mod partikolari l-fornituri tas-servizzi ta' pagament. Fl-istess sena, tnediet ukoll konsultazzjoni pubblika[29].

Ir-riżultati tal-konsultazzjonijiet ikkonfermaw li l-partijiet ikkonċernati kollha jirrikonoxxu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku bħala problema sinifikanti. In-negozji enfasizzaw li l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku hija ta' dannu għan-negozji onesti billi tfixkel il-kompetizzjoni. B'mod ġenerali, kemm l-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll in-negozji kkonfermaw li l-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu l-informazzjoni dwar il-pagamenti biex jiġġieldu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Il-protezzjoni tad-data ma tqisitx bħala impediment għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti, sakemm id-data personali tal-pagaturi tiġi proċessata skont il-kundizzjonijiet stipulati mir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data.

Ħafna minn dawk li wieġbu esprimew opinjoni pożittiva dwar l-emendar tal-qafas regolatorju tal-UE biex b'hekk l-awtoritajiet tat-taxxa jingħataw għodod aktar effettivi kontra l-frodi. Sistema ċentralizzata tal-UE li fiha tinġabar u tiġi skambjata l-informazzjoni dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT tqieset bħala l-aktar għodda kosteffettiva.

Kemm l-awtoritajiet tat-taxxa kif ukoll il-fornitur tas-servizzi ta' pagament ikkonfermaw il-valur miżjud ta' approċċ standardizzat u armonizzat għall-ġbir u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti.

Din il-proposta ġiet abbozzata wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tan-negozji, inklużi l-fornituri tas-servizzi ta' pagament bħala parti mis-sottogrupp dwar il-kummerċ elettroniku tal-Forum tal-VAT.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Minbarra l-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati kollha, ma kienx hemm bżonn ta' esperti esterni biex titfassal din il-proposta.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Barra mix-xenerju bażi, il-valutazzjoni tal-impatt qieset żewġ għażliet:

(1) għażla mhux regolatorja li bażikament tipprovdi linji gwida biex tgħin lill-awtoritajiet tat-taxxa jiżviluppaw il-kapaċità amministrattiva tagħhom biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku;

(2) għażla regolatorja li timplika l-emenda tal-qafas legali tal-UE (i) għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament biex iżommu rekords tal-informazzjoni dwar il-pagamenti

29 Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll il-pjan direzzjonali kkombinat/il-valutazzjoni tal-impatt tal-bidu (ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/initiatives/ares-2018-899238_mt) "Exchange of VAT-relevant payment data", li jippermettu li jingħata feedback inizjali dwar l-inizjattiva. Matul il-perjodu ta' feedback, jiġifieri bejn il-15 ta' Frar 2018 u l-15 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni rċeviet biss tliet tweġibiet. Tnejn minnhom kienu jappoġġaw l-inizjattiva, filwaqt li t-tielet waħda ma kinitx marbuta mal-kontenut tal-inizjattiva.

rilevanti għall-VAT u (ii) għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri biex jiġbru u jiskambjaw informazzjoni dwar il-pagamenti.

Fil-qafas tal-għażla regolatorja ġew previsti żewġ soluzzjonijiet tekniċi differenti biex l-awtoritajiet tat-taxxa jiskambjaw informazzjoni dwar il-pagamenti: applikazzjoni distribwita simili għas-Sistema tal-Iskambju ta' Informazzjoni tal-VAT jew repożitorju ċentrali fil-livell tal-UE (li jrid jiġi żviluppat mill-Kummissjoni).

Il-valutazzjoni tal-impatt uriet li r-repożitorju ċentrali kienet l-għażla li tindirizza bl-aħjar mod l-objettiv tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

Repożitorju ċentrali jiżgura li l-frodi tal-VAT tiġi indirizzata bl-aħjar mod. Dan jagħti aktar garanziji f'termini ta' uniformità tad-data u analiżi tad-data u meta jitqabbel mar-repożitorji deċentralizzati, jipprovdi perspettiva aktar ċara fil-livell tal-UE tal-fatturat tal-frodaturi li jiġu identifikati.

L-iskambju ta' informazzjoni permezz ta' repożitorju ċentrali jnaqqas aktar id-distorsjoni tas-suq. Hekk kif il-kooperazzjoni twassal għal riżultati aħjar għall-awtoritajiet tat-taxxa, in-negozji leġittimi jibdew igawdu minn kundizzjonijiet aktar ekwi. Il-konsultazzjoni tal-partijiet ikkonċernati ma ppermettietx li ssir kwantifikazzjoni preċiża tal-kostijiet ta' konformità għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament. Madankollu, il-valutazzjoni tal-impatt uriet li l-armonizzazzjoni tal-obbligi ta' rapportar f'format uniku għat-trażmissjoni tal-informazzjoni (u interfaċċa waħda) se tnaqqas il-kostijiet ta' konformità għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament.

Bis-soluzzjoni ċentralizzata, l-awtoritajiet tat-taxxa jkollhom ukoll inqas kostijiet operazzjonali u ta' żvilupp milli kieku jkollhom b'sistema deċentralizzata fil-livell nazzjonali.

Il-valutazzjoni tal-impatt għall-proposta ġiet eżaminata mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fis-27 ta' Ġunju 2018. Il-Bord ta opinjoni pożittiva dwar il-proposta b'xi rakkomandazzjonijiet li tqiesu. L-opinjoni tal-Bord u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu huma inklużi fl-Anness 1 tad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal għall-valutazzjoni tal-impatt li jakkumpanja din il-proposta[30].

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Din l-inizjattiva ma taqax fil-kompetenza tal-Programm dwar l-Idoneità u l-Prestazzjoni tar-Regolamentazzjoni. Il-kostijiet li wisq probabbli jiġġarbu mill-awtoritajiet tat-taxxa u mill-Kummissjoni huma elenkati fit-Taqsima 4.

Mill-informazzjoni li waslet matul il-konsultazzjoni mmirata ma setgħet issir l-ebda kwantifikazzjoni affidabbli tal-kostijiet għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament fil-valutazzjoni tal-impatt. Madankollu, bħalissa l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jirċievu talbiet għal informazzjoni minn Stati Membri differenti f'varjetà ta' formati differenti u li jsegwu proċeduri differenti. Skont din l-inizjattiva, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikollhom jużaw standard armonizzat fil-livell tal-UE għat-trażmissjoni tal-informazzjoni dwar

[30] L-iskeda tas-sommarju eżekuttiv hija disponibbli fil-paġna li ġejja: http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/index.cfm?fuseaction=list&coteId=10102&version=ALL&p=1&http://ec.europa.eu/transparency/regdoc/index.cfm?fuseaction=list&coteId=10102&version=ALL&p=1&

il-pagamenti lill-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri. B'mod ġenerali dan inaqqas il-piż amministrattiv fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament.

L-inizjattiva ma tipprevedi l-ebda obbligu tal-VAT ġdid fuq il-fornituri tal-merkanzija u s-servizzi lill-konsumaturi finali.

Fl-aħħar nett, din l-inizjattiva mistennija tnaqqas b'mod konsiderevoli t-telf tal-VAT tal-Istati Membri li jirriżulta mill-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta li qed tiġi kkunsidrata se tixpruna skambji u proċessar ġodda tal-informazzjoni personali relatata mal-VAT.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data jagħti definizzjoni wiesgħa ta' data personali, li tinkludi kwalunkwe informazzjoni dwar persuna fiżika identifikata jew identifikabbli li tista' tiġi identifikata direttament jew indirettament. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni dwar il-pagamenti taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u tal-prinċipji applikabbli għall-protezzjoni tad-data personali kif stipulat fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data u r-Regolament (UE) 2018/1725 jistipulaw prinċipji preċiżi ħafna dwar kif għandhom jitħarsu d-drittijiet tas-suġġetti waqt l-ipproċessar tad-data personali. Madankollu, l-Unjoni tista' tuża miżuri leġiżlattivi biex tillimita dawn il-prinċipji u d-drittijiet tas-suġġett tad-data[31] — sakemm ir-restrizzjonijiet jirrispettaw il-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità — biex tissalvagwardja objettivi importanti ta' interess pubbliku ġenerali tal-Unjoni, bħall-interessi ekonomiċi u finanzjarji, inkluża t-tassazzjoni[32].

Il-valutazzjoni tal-impatt li tappoġġa din l-inizjattiva wriet li l-awtoritajiet tat-taxxa ma għandhom l-ebda alternattiva effettiva oħra biex jiġbru l-informazzjoni meħtieġa biex jiġġieldu l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Għalhekk, l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti hija miżura neċessarja.

Barra minn hekk, skont din l-inizjattiva se tiġi proċessata biss l-informazzjoni dwar il-pagamenti meħtieġa għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. L-informazzjoni li se tiġi proċessata tirreferi biss għar-riċevituri tal-fondi (il-benefiċjarji) u għat-tranżazzjoni tal-pagament stess (ammont, munita, data) filwaqt li l-informazzjoni dwar il-konsumaturi li jħallsu għall-merkanzija jew is-servizzi (il-pagaturi) mhijiex parti mill-iskambju ta' informazzjoni. Għalhekk, dik l-informazzjoni ma tintużax għal finijiet oħra, bħall-kontroll tad-drawwiet tax-xiri tal-konsumaturi. Barra minn hekk, il-proposta tinkludi limitu massimu marbut mal-għadd ta' pagamenti riċevuti minn benefiċjarju partikolari, esklużi l-pagamenti li probabbilment jiġu eżegwiti għal raġunijiet privati. Il-pagamenti domestiċi jiġu esklużi wkoll mill-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva. Fl-aħħar nett, l-informazzjoni dwar il-pagamenti tkun disponibbli biss għall-uffiċjali ta' kollegament tal-

31 Jistgħu jiġu stabbiliti restrizzjonijiet fuq id-dritt li individwi jkunu infurmati b'mod trasparenti dwar: l-ipproċessar tad-data (l-Artikoli 12, 13 u 14); l-aċċess għad-data (l-Artikolu 15); ir-rettifikazzjoni tad-data (l-Artikolu 16); it-tħassir tad-data (l-Artikolu 17); ir-restrizzjoni tal-ipproċessar tad-data (l-Artikolu 18); in-notifika dwar kwalunkwe rettifika jew tħassir ta' data (l-Artikolu 19); id-data li tiġi riċevuta f'format strutturat u komuni - il-portabbiltà tad-data (l-Artikolu 20); id-dritt ta' oġġezzjoni (l-Artikolu 21); u d-dritt li individwu ma jkunx soġġett għal ipproċessar awtomatizzat u tfassil ta' profil (l-Artikolu 22).

32 L-Artikolu 23 tal-GDPR u l-Artikolu 25 tar-Regolament (UE) 2018/1725.

Eurofisc tal-Istati Membri[33] u għaż-żmien meħtieġ biss għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Iż-żieda tad-dħul mill-VAT miġbur mistennija tikkumpensa għall-kostijiet ta' investiment tal-Kummissjoni u tal-awtoritajiet tat-taxxa. Fil-fatt, fl-2017 il-bejgħ online B2C ammonta għal madwar EUR 600 biljun[34]. Għalhekk, jekk wieħed jassumi li l-awtoritajiet tat-taxxa jkunu jistgħu jistmaw telf tal-VAT li jikkorrispondi għal 1 % ta' dak il-fatturat, dan kieku jiġġenera sa EUR 1,2 biljun f'VAT fil-livell tal-UE-28. Anke jekk jitqies l-irkupru mhux komplut tal-VAT stmat, dawn l-ammonti jaqbżu sew il-kostijiet operattivi ġenerali għall-inizjattiva. Barra minn hekk, il-livelli ta' frodi jammontaw għal diversi punti perċentwali tal-bejgħ fil-kummerċ elettroniku. Bħala riżultat taż-żieda fil-ġbir tal-VAT, id-diskrepanza tal-VAT mistennija titnaqqas fis-settur tal-kummerċ elettroniku.

Il-kostijiet ta' din l-inizjattiva se jkunu mifruxa fuq bosta snin li jibdew mill-2019. L-ewwel parti ta' dawn il-kostijiet (sal-2020) se tkun koperta mill-allokazzjonijiet eżistenti tal-programm Fiscalis 2020 attwali. Madankollu, kif deskritt fid-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji Leġiżlattivi, il-maġġoranza tal-kostijiet se jiġu ġġenerati wara l-2020.

Meta tqiesu l-ogħla kostijiet possibbli mġarrba mill-Kummissjoni, l-implikazzjonijiet baġitarji kienu stmati għal kost ta' darba ta' EUR 11,8 miljun għat-twaqqif tas-sistema u għal kost operazzjonali annwali ta' EUR 4,5 miljun hekk kif is-sistema tkun kompletament operattiva. Ġie stmat li dawn il-kostijiet operazzjonali jibdew biss fl-2022 ladarba s-sistema tkun operattiva. L-impatt tagħhom fuq il-baġit kien ikkalkulat fuq perjodu ta' ħames snin għal total (inkluż il-kost ta' darba) ta' EUR 34,3 miljun biex titwaqqaf u titħaddem is-sistema sal-2027.

Dawn il-kostijiet huma konsistenti mal-proposta tal-QFP u l-programm Fiscalis għall-perjodu li jmiss.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Ir-rapporti tal-Eurofisc u l-istatistika annwali tal-Istati Membri huma ppreżentati u diskussi fil-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva[35] skont l-Artikolu 49 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010. Il-Kumitat Permanenti huwa ppresedut mill-Kummissjoni Ewropea. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tfittex li tikseb mill-Istati Membri, kull informazzjoni rilevanti dwar il-funzjonament tas-sistema l-ġdida u dwar il-frodi. Meta tkun rilevanti, se tiġi żgurata l-koordinazzjoni fil-Kumitat Fiscalis (dan il-kumitat għadu ma ġiex stabbilit taħt il-programm Fiscalis il-ġdid[36]).

---

33 L-uffiċjali ta' kollegament tal-Eurofisc huma esperti kontra l-frodi tal-awtoritajiet tat-taxxa u jinħatru mill-Istati Membri bħala uffiċjali kompetenti għall-iskambju ta' sinjali ta' twissija bikrija għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT. Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010, il-Kapitolu X.

34 Fl-2017, E-commerce Europe stmat il-fatturat tal-kummerċ elettroniku għal EUR 602 biljun għar-reġjuni tat-Tramuntana, il-Lvant u n-Nofsinhar tal-Ewropa.

35 Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC) huwa magħmul minn rappreżentanti tal-Istati Membri u ppresedut mill-Kummissjoni. Is-SCAC huwa responsabbli mill-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

36 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-programm "Fiscalis" għall-kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (COM(2018) 443 final), l-Artikolu 18.

Ir-Regolament (UE) Nru 904/2010 u d-Direttiva 2006/112/KE diġà jistipulaw regoli għall-evalwazzjonijiet u r-rappurtar perjodiċi tal-Kummissjoni. Għalhekk, f'konformità ma' dawn l-obbligi eżistenti, kull ħames snin, il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament tal-għodda ta' kooperazzjoni amministrattiva l-ġdida, skont l-Artikolu 59 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010.

Barra minn hekk, kull erba' snin il-Kummissjoni se tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operat tal-obbligi tal-VAT il-ġodda imposti fuq il-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 404 tad-Direttiva 2006/112/KE. Il-Kummissjoni se tiżgura li ż-żewġ rapporti huma kkoordinati u bbażati fuq l-istess sejbiet.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Fl-Artikolu 243a, id-definizzjonijiet jirreferu għad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva (UE) 2015/2366[37] (PSD2) dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern.

L-Artikolu 243b tad-Direttiva tal-VAT jintroduċi obbligu ġdid għaż-żamma tar-rekords għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament. Dawn is-servizzi ta' pagament huma stabbiliti fl-Anness 1 tal-PSD2. Mhux is-servizzi ta' pagament kollha huma rilevanti għall-kontroll tal-provvisti transfruntiera ta' merkanzija u servizzi. L-uniċi servizzi ta' pagament li huma rilevanti huma dawk li jirriżultaw fi trasferiment transfruntier ta' fondi lill-benefiċjarji[38] (jew lill-fornituri tas-servizzi ta' pagament li jaġixxu f'isem il-benefiċjarji) u biss meta l-pagatur[39] ikun jinsab f'wieħed mill-Istati Membri. Dan huwa minħabba l-fatt li l-Istat Membru ta' oriġini tal-pagament jagħti indikazzjoni lill-awtoritajiet tat-taxxa dwar il-post tal-konsum. Skont din l-inizjattiva, il-kunċett ta' "transfruntier" jirreferi għat-tranżazzjonijiet fejn il-konsumatur ikun fi Stat Membru u l-fornitur ikun fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz jew f'territorju terz. Il-pagamenti domestiċi mhumiex inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-proposta.

L-Artikolu 243b ma jirreferix għall-post ta' stabbiliment jew għall-indirizz permanenti jew għar-residenza abitwali tal-benefiċjarju u tal-pagatur. Fil-fatt, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament huma partijiet terzi meta mqabbla mar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-persuni taxxabbli li jfornu merkanzija u servizzi u l-konsumaturi tagħhom. Għal din ir-raġuni, l-informazzjoni disponibbli għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament meta jeżegwixxu servizz ta' pagament, mhux bilfors taqbel mal-informazzjoni li l-persuni taxxabbli jkollhom dwar il-konsumaturi tagħhom jew mal-informazzjoni meħtieġa biex jistabbilixxu l-post tat-tranżazzjoni taxxabbli. Il-pożizzjoni twassal biss għall-obbligu għaż-żamma tar-rekords tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 243b.

Ir-regoli li jiddeterminaw il-pożizzjoni tal-benefiċjarji u tal-pagaturi huma stipulati fl-Artikolu 243c propost (ara aktar 'l isfel).

---

[37] Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

[38] "Benefiċjarju" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tkun ir-riċevitur intenzjonat ta' fondi li kienu s-suġġett ta' tranżazzjoni ta' pagament (l-Artikolu 4(9) tal-PSD2).

[39] "Pagatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li għandha kont ta' pagament u li tippermetti ordni ta' pagament minn dak il-kont ta' pagament, jew, fejn ma jkun hemm l-ebda kont ta' pagament, persuna fiżika jew ġuridika li tagħti ordni ta' pagament (l-Artikolu 9(8) tal-PSD2).

Sabiex jinqabdu biss il-pagamenti li huma potenzjalment marbuta ma' attività ekonomika (u b'hekk jiġu esklużi t-trasferimenti transfruntiera ta' fondi eżegwiti għal raġunijiet privati) huwa previst limitu massimu marbut mal-għadd ta' pagamenti transfruntiera riċevuti minn benefiċjarju. Huwa biss meta l-ammont totali ta' pagamenti riċevuti minn benefiċjarju partikolari jaqbeż il-limitu massimu ta' 25 pagament fi tliet xhur kalendarji (li huwa wkoll il-perjodu ta' rappurtar għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament) li l-fornitur tas-servizz ta' pagament irid iżomm rekords dwar dak il-benefiċjarju u jqiegħdom għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tat-taxxa. Il-limitu massimu ġie stabbilit abbażi ta' valur medju ta' EUR 95 għall-ordinijiet tax-xiri online[40]. 100 tranżazzjoni ta' pagament fis-sena ta' dak l-ammont se jirriżultaw f'bejgħ ta' kważi EUR 10 000, li diġà jista' jwassal għal obbligi tal-VAT fl-Istati Membri. Dan l-ammont jikkorrispondi wkoll mal-livell limitu ta' EUR 10 000 introdott fuq il-provvisti intra-UE mid-Direttiva tal-VAT għall-kummerċ elettroniku.

Il-fornituri tas-servizz ta' pagament huma obbligati li jżommu r-rekords għal sentejn. Dan il-perjodu taż-żamma tar-rekords huwa proporzjonat, skont il-volum enormi ta' informazzjoni inkwistjoni, is-sensittività għolja tagħha f'termini ta' protezzjoni tad-data u l-ħin meħtieġ mill-awtoritajiet tat-taxxa biex jidentifikaw il-frodi tat-taxxa.

Kif issemma qabel, l-Artikolu 243c jirreferi għar-regoli li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iridu japplikaw biex jiddeterminaw il-pożizzjoni tal-pagaturi u tal-benenfiċjarji. L-Artikolu 243c ma jistipulax ir-regoli għall-istabbiliment tal-post tat-tassazzjoni, iżda minflok jistipula r-regoli għall-istabbiliment tal-pożizzjoni tal-benefiċjarji u tal-pagaturi biex jiġi applikat l-obbligu taż-żamma tar-rekords skont l-Artikolu 243b tad-Direttiva tal-VAT.

Barra minn hekk, l-Artikolu 243c ma jimplikax it-trażmissjoni, lill-awtoritajiet tat-taxxa, tal-informazzjoni użata biex tiġi determinata l-pożizzjoni tal-pagatur. Din l-informazzjoni se tibqa' għand il-fornitur tas-servizzi ta' pagament.

Skont il-paragrafu 1, il-pożizzjoni tal-pagatur se titqies li hija fl-Istat Membru indikat mill-identifikatur tal-kont tal-pagatur. Ir-Regolament dwar iż-żona unika ta' pagamenti bl-euro[41] jistabbilixxi n-Numru Internazzjonali tal-Kont Bankarju (International Bank Account Number - IBAN) bħala l-identifikatur ta' kont ta' pagament individwali fi Stat Membru. Jekk pagament jiġi eżegwit permezz ta' servizz ta' pagament li ma jaqax taħt ir-Regolament dwar iż-żona unika ta' pagamenti bl-euro (li japplika biss għat-trasferimenti ta' kreditu u d-debiti diretti f'euro), il-pożizzjoni tal-pagatur tista' tingħata bi kwalunkwe identifikatur ieħor tal-kont ta' pagament tal-pagatur.

Hemm ukoll tranżazzjonijiet ta' pagament (jiġifieri rimessa ta' flus) fejn il-fondi jiġu trasferiti lill-benefiċjarju mingħajr ma jinħoloq l-ebda kont tal-pagament f'isem il-pagatur. F'dan il-każ, il-pożizzjoni tal-pagatur se titqies li hija fl-Istat Membru indikat mill-identifikatur tal-fornitur tas-servizz ta' pagament li jaġixxi f'isem il-pagatur.

Skont il-paragrafu 2, il-pożizzjoni tal-pagatur (il-benefiċjarju tal-fondi) se titqies li hija fl-Istat Membru jew fil-pajjiż terz indikat mill-identifikatur tal-kont ta' pagament fejn jiġu kreditati l-fondi. Jekk il-fondi ma jiġu kreditati lill-ebda kont ta' pagament, il-pożizzjoni tal-benefiċjarju

[40] https://www.statista.com/statistics/239247/global-online-shopping-order-values-by-device

[41] Ir-Regolament SEPA (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

se titqies li hija fl-Istat Membru, fil-pajjiż terz jew fit-territorju terz indikat mill-identifikatur tal-fornitur tas-servizz ta' pagament li jaġixxi f'isem il-benefiċjarju.

L-Artikolu 243d jipprovdi d-dettalji tal-informazzjoni li trid tinżamm mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament imsemmija fl-Artikolu 243b. Ir-rekords jinkludu informazzjoni li tidentifika l-fornitur tas-servizz ta' pagament li jżomm ir-rekords, l-informazzjoni li tidentifika l-benefiċjarju u l-informazzjoni dwar il-pagamenti riċevuti mill-benefiċjarju. L-informazzjoni ta' identifikazzjoni tal-pagaturi mhix inkluża fl-obbligu għaż-żamma tar-rekords tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament għax mhix neċessarja biex tiġi identifikata l-frodi. Barra minn hekk, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament mhux dejjem ikunu jafu jekk il-pagaturi humiex persuni taxxabbli jew sempliċement konsumaturi privati. Għalhekk, meta jinqabeż il-livell limitu ta' 25 pagament fi tliet xhur, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament iridu jżommu l-informazzjoni li tirreferi għall-pagamenti kollha riċevuti minn benefiċjarju partikolari, mingħajr ma jiddistingwu bejn il-pagamenti riċevuti mill-konsumaturi jew mill-persuni taxxabbli. Din id-distinzjoni se tkun wieħed mill-kompiti tal-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri huma u janalizzaw l-informazzjoni.

Jekk ikun applikabbli, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament iridu jżommu rekords dwar kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew numru ta' identifikazzjoni tat-taxxa tal-benefiċjarju. In-numri ta' identifikazzjoni tal-VAT (in-numri ta' identifikazzjoni nazzjonali jew tal-punt uniku ta' servizz żgħir (MOSS)) huma meħtieġa biex l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri jidentifikaw persuni taxxabbli u jagħmlu kontroverifika tal-informazzjoni dwar il-pagamenti tagħhom mad-dikjarazzjonijiet u l-pagamenti rispettivi tal-VAT jew tal-MOSS. Jista' jkun li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ma jkollhomx in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju (jew għax il-benefiċjarju ma jkollux numru ta' identifikazzjoni tal-VAT jew għax il-benefiċjarju jkollu numru ta' identifikazzjoni tal-VAT iżda ma jipprovdihx lill-fornitur tas-servizz ta' pagament). Jekk il-fornituri tas-servizzi ta' pagament ma jkollhomx numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, l-awtoritajiet tat-taxxa jridu jattivaw il-proċeduri meħtieġa (domestiċi jew bl-użu tal-kooperazzjoni amministrattiva) biex jistabbilixxu jekk teżistix persuna taxxabbli wara l-benefiċjarju partikolari u biex jivvalutaw jekk hemmx xi obbligazzjonijiet tal-VAT.

Fl-aħħar nett, il-fornituri tas-servizzi ta' pagament iridu jżommu l-informazzjoni dwar it-tranżazzjoni ta' pagament stess, bħall-ammont, il-munita, id-data, l-oriġini tal-pagament u l-indikazzjoni ta' kwalunkwe rifużjoni ta' pagament.

2018/0412 (CNS)

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-KUNSILL

## li temenda d-Direttiva 2006/112/KE rigward l-introduzzjoni ta' ċerti rekwiżiti għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[42],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[43],

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE[44] tistabbilixxi l-obbligi ta' kontabilità ġenerali tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-persuni taxxabbli.

(2) It-tkabbir tal-kummerċ elettroniku ("kummerċ elettroniku") jiffaċilita l-provvista transfruntiera ta' merkanzija u servizzi lill-konsumaturi finali fl-Istati Membri. F'dan il-kuntest, provvista transfruntiera tirreferi għal sitwazzjoni fejn il-VAT tkun dovuta fi Stat Membru wieħed iżda l-fornitur ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz jew f'territorju terz. Madankollu, in-negozji fawdolenti jisfruttaw l-opportunitajiet tal-kummerċ elettroniku biex jiksbu vantaġġi inġusti fis-suq billi jevadu l-obbligi tal-VAT tagħhom. Il-prinċipju ta' tassazzjoni fid-destinazzjoni japplika għax il-konsumaturi ma jkollhom l-ebda obbligu ta' kontabilità, iżda l-Istati Membri tal-konsum jeħtieġu għodod xierqa biex jidentifikaw u jikkontrollaw dawn in-negozji frawdolenti.

(3) Fil-parti l-kbira tal-bejgħ online li jsir mill-konsumaturi Ewropej, il-pagamenti jiġu eżegwiti permezz ta' fornituri tas-servizzi ta' pagament. Sabiex jeżegwixxi tranżazzjoni ta' pagament, il-fornitur tas-servizz ta' pagament iżomm informazzjoni speċifika li tidentifika r-riċevitur jew il-benefiċjarju ta' dak il-pagament, flimkien mad-dettalji dwar l-ammont, id-data tat-tranżazzjoni ta' pagament u l-Istat Membru ta' oriġini tal-pagament. Dan isir b'mod partikolari fil-kuntest ta' tranżazzjoni ta' pagament transfruntiera fejn il-pagatur ikun fi Stat Membru wieħed u l-benefiċjarju jkun fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz jew f'territorju terz. L-awtoritajiet tat-taxxa jeħtieġu din l-informazzjoni biex iwettqu l-kompiti bażiċi tagħhom li jidentifikaw in-negozji frawdolenti u jikkontrollaw l-obbligazzjonijiet tal-VAT. Għalhekk, jeħtieġ li din l-informazzjoni rilevanti għall-VAT li tinżamm mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament, tkun

---

42 ĠU C , , p. .

43 ĠU C , , p. .

44 Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

disponibbli għall-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri biex tgħinhom jidentifikaw u jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku transfruntier.

(4) Bħala parti minn din il-miżura l-ġdida prevista għall-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku transfruntier, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament ikunu obbligati jżommu rekords dettaljati biżżejjed ta' ċerti tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera skattati skont il-pożizzjoni tal-pagatur u tal-benefiċjarju. B'riżultat ta' dan, jeħtieġ li jiġi definit il-kunċett speċifiku tal-pożizzjoni tal-pagatur u tal-benefiċjarju kif ukoll il-mezzi għall-identifikazzjoni tagħhom. Jenħtieġ li l-pożizzjoni tal-pagatur u tal-benefiċjarju tiskatta biss l-obbligu għaż-żamma tar-rekords tal-fornituri tas-servizzi ta' pagament li huwa stabbilit fl-Unjoni u jenħtieġ li jkun mingħajr preġudizzju għar-regoli stipulati f'din id-Direttiva u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011[45] fir-rigward tal-post tat-tranżazzjoni taxxabbli.

(5) Mill-informazzjoni diġà miżmuma mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament, dawn jistgħu jidentifikaw il-pożizzjoni tal-benefiċjarju u tal-pagatur skont is-servizzi ta' pagament li jeżegwixxu, abbażi ta' identifikatur ta' kont ta' pagament individwali użat fi Stat Membru minn dak il-pagatur jew il-benefiċjarju.

(6) Alternattivament, jenħtieġ li tiġi determinata l-pożizzjoni tal-pagatur jew tal-benefiċjarju permezz ta' identifikatur tan-negozju tal-fornitur tas-servizz ta' pagament li kien qed jaġixxi f'isem il-pagatur jew il-benefiċjarju. Dan il-mezz ta' identifikazzjoni jenħtieġ li jintuża wkoll meta l-fondi jiġu trasferiti lil benefiċjarju mingħajr ma jkun infetaħ l-ebda kont ta' pagament f'isem pagatur jew meta l-fondi ma jiġu kreditati lill-ebda kont ta' pagament.

(7) Skont ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], importanti li l-obbligu fuq fornitur tas-servizz ta' pagament li jżomm u jipprovdi informazzjoni dwar tranżazzjoni ta' pagament transfruntier, jenħtieġ li jkun proporzjonat u jkun jinkludi biss dak li huwa meħtieġ għall-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Barra minn hekk, l-unika informazzjoni li jenħtieġ li tinżamm dwar il-pagatur, hija dik fejn jinsab il-pagatur. Fir-rigward tal-informazzjoni dwar il-benefiċjarju u t-tranżazzjoni ta' pagament stess, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu u jittrażmettu biss lill-awtoritajiet tat-taxxa, l-informazzjoni li dawn jeħtieġu biex jidentifikaw frodaturi possibbli u biex iwettqu kontrolli tal-VAT. Għalhekk, jenħtieġ li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament jintalbu jżommu rekords ta' tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera li wisq probabbli jindikaw attivitajiet ekonomiċi. L-introduzzjoni ta' limitu massimu bbażat fuq l-għadd ta' pagamenti riċevuti minn benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji jagħti indikazzjoni affidabbli li dawk il-pagamenti ġew riċevuti bħala parti minn attività ekonomika, u għalhekk jiġu esklużi l-pagamenti għal raġunijiet mhux kummerċjali. Meta jintlaħaq dan il-limitu massimu, jiskatta l-obbligu tal-kontabilità tal-fornitur tas-servizz ta' pagament.

(8) Minħabba l-volum sinifikanti ta' informazzjoni u s-sensittività tagħha f'termini ta' protezzjoni tad-data personali, huwa meħtieġ u proporzjonat li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iżommu rekords tal-informazzjoni dwar it-tranżazzjonijiet ta' pagament transfruntiera għal perjodu ta' sentejn sabiex jassistu lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku u biex jidentifikaw il-frodaturi. Dan il-perjodu jikkostitwixxi l-minimu meħtieġ

45 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 282/2011 tal-15 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni fir-rigward tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 77, 23.3.2011, p. 1).

46 Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-proċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

għall-Istati Membri biex iwettqu l-kontrolli b'mod effettiv u biex jinvestigaw is-suspetti ta' frodi tal-VAT jew biex jidentifikaw il-frodi tal-VAT.

(9) Jenħtieġ li l-informazzjoni li trid tinżamm mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament, tinġabar mill-Istati Membri u tiġi skambjata bejniethom skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010[47] li jistabbilixxi r-regoli għal kooperazzjoni amministrattiva u l-iskambju ta' informazzjoni sabiex tiġi miġġielda l-frodi tal-VAT.

(10) Il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku hija problema komuni għall-Istati Membri kollha iżda mhux bilfors li l-Istati Membri individwali għandhom l-informazzjoni biex jiżguraw li r-regoli tal-VAT fil-kummerċ elettroniku huma applikati b'mod korrett u biex jindirizzaw il-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. Peress li l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri l-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku, ma tistax tinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwali minħabba n-natura transfruntiera tal-kummerċ elettroniku u l-ħtieġa li tinkiseb informazzjoni minn Stati Membri oħra, iżda tista' tinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-istess Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(11) Din id-Direttiva tirrispetta d-drittijiet fundamentali u tosserva l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, din id-Direttiva tirrispetta bis-sħiħ id-dritt tal-protezzjoni tad-data personali stipulat fl-Artikolu 8 tal-Karta. Jenħtieġ li l-informazzjoni dwar il-pagamenti miżmuma u żvelata skont din id-Direttiva tiġi proċessata biss mill-esperti kontra l-frodi tal-awtoritajiet tat-taxxa fil-limiti ta' dak li huwa proporzjonat u meħtieġ biex jinkiseb l-objettiv tal-ġlieda kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

(12) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48] u ta l-opinjoni tiegħu fi […]…[49]

(13) Għaldaqstant, jenħtieġ li d-Direttiva 2006/112/KE tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*
*Emendi tad-Direttiva 2006/112/KE*

Id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:

(1) Il-Kapitolu 4 tat-Titolu XI huwa emendat kif ġej:

(a) tiddaħħal it-Taqsima 2a li ġejja:

*"Taqsima 2a*

***Obbligi ġenerali għall-fornituri tas-servizzi ta' pagament";***

(b) jiddaħħlu l-Artikoli 243a sa 243d li ġejjin:

---

47 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

48 Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

49 ĠU C […], […], p. […].

*"Artikolu 243a*

Għall-finijiet ta' din it-Taqsima, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "fornitur ta' servizzi ta' pagament" tfisser korp elenkat fil-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 1 tal-Artikolu 1 tad-Direttiva (UE) 2015/2366 (*), jew persuna fiżika jew ġuridika li tibbenefika minn eżenzjoni skont l-Artikolu 32 ta' dik id-Direttiva;

(2) "servizz ta' pagament" tfisser l-attivitajiet ta' negozju stabbiliti fil-punti (3) sa (6) tal-Anness 1 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(3) "tranżazzjoni ta' pagament" tfisser att definit fil-punt 5 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(4) "pagatur" tfisser persuna fiżika jew ġuridika kif definita fil-punt 8 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(5) "benefiċjarju" tfisser persuna fiżika jew ġuridika kif definita fil-punt 9 tal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2015/2366;

(6) "IBAN" tfisser identifikatur tan-numru tal-kont ta' pagament internazzjonali kif definit fil-punt 15 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**);

(7) "BIC" tfisser kodiċi tal-identifikazzjoni tan-negozju kif definit fil-punt 16 tal-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 260/2012.

---

(*) Id-Direttiva (UE) 2015/2366 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar is-servizzi ta' pagament fis-suq intern, li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2009/110/KE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1093/2010, u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE (ĠU L 337, 23.12.2015, p. 35).

(**) Ir-Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u tan-negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22).

*Artikolu 243b*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tas-servizzi ta' pagament iżommu reġistri dettaljati biżżejjed tal-benefiċjarji u tat-tranżazzjonijiet ta' pagament relatati mas-servizzi ta' pagament li jeżegwixxu għal kull tliet xhur kalendarji biex l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jkunu jistgħu jwettqu kontrolli tal-provvisti ta' merkanzija u servizzi li skont id-dispożizzjonijiet tat-Titolu V jitqiesu li jsiru fi Stat Membru.

2. Ir-rekwiżit imsemmi fil-paragrafu 1 għandu japplika f'ċirkostanzi fejn jiġu ssodisfati ż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) meta fornitur tas-servizzi ta' pagament jittrasferrixxi fondi minn pagatur li jinsab fi Stat Membru għal benefiċjarju li jinsab fi Stat Membru ieħor, f'territorju terz jew f'pajjiż terz;

(b) fir-rigward tat-trasferiment ta' fondi msemmi fil-punt (a), meta fornitur tas-servizzi ta' pagament jeżegwixxi aktar minn 25 tranżazzjoni ta' pagament lill-istess benefiċjarju matul perjodu ta' tliet xhur kalendarji.

3. Ir-reġistri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

(a) jinżammu mill-fornitur tas-servizzi ta' pagament f'format elettroniku għal perjodu ta' sentejn minn tmiem is-sena li fiha tkun ġiet eżegwita t-tranżazzjoni ta' pagament;

(b) ikunu disponibbli għall-Istati Membri ta' stabbiliment tal-fornitur tas-servizzi ta' pagament skont l-Artikolu 24b tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 (*).

---

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 904/2010 tas-7 ta' Ottubru 2010 dwar il-kooperazzjoni amministrattiva u l-ġlieda kontra l-frodi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 268, 12.10.2010, p. 1).

*Artikolu 243c*

1. Għall-finijiet tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 243b u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tat-Titolu V ta' din id-Direttiva, il-pożizzjoni tal-pagatur għandha titqies li hija fi Stat Membru li jikkorrispondi għal waħda minn dawn:

(a) l-IBAN tal-kont ta' pagament tal-pagatur;

(b) il-BIC jew kwalunkwe kodiċi ieħor tal-identifikazzjoni tan-negozju li jidentifika b'mod mhux ambigwu l-fornitur tas-servizz ta' pagament li jaġixxi f'isem il-pagatur.

2. Għall-applikazzjoni tal-paragrafu 2 tal-Artikolu 243b, il-pożizzjoni tal-benefiċjarju għandha titqies li hija fi Stat Membru, f'pajjiż terz jew f'territorju terz li jikkorrispondi għal waħda minn dawn:

(a) l-IBAN tal-kont ta' pagament tal-benifiċjarju jew kwalunkwe identifikatur tan-numru tal-kont ta' pagament li jidentifika b'mod mhux ambigwu kont ta' pagament individwali;

(b) il-BIC jew kwalunkwe kodiċi ieħor tal-identifikazzjoni tan-negozju li jidentifika b'mod mhux ambigwu l-fornitur tas-servizz ta' pagament li jaġixxi f'isem il-benefiċjarju.

*Artikolu 243d*

1. Ir-reġistri miżmuma mill-fornituri tas-servizzi ta' pagament, skont l-Artikolu 243b, għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-BIC jew kwalunkwe kodiċi ieħor tal-identifikazzjoni tan-negozju li jidentifika b'mod mhux ambigwu l-fornitur tas-servizz ta' pagament;

(b) isem il-benefiċjarju jew isem in-negozju, jekk xieraq;

(c) kwalunkwe numru ta' identifikazzjoni tal-VAT tal-benefiċjarju, jekk disponibbli;

(d) l-IBAN jew kwalunkwe identifikatur tan-numru tal-kont ta' pagament li jidentifika b'mod mhux ambigwu l-kont ta' pagament individwali tal-benefiċjarju;

(e) il-BIC jew kwalunkwe kodiċi ieħor tal-identifikazzjoni tan-negozju li jidentifika b'mod mhux ambigwu l-fornitur tas-servizz ta' pagament li jaġixxi f'isem il-benefiċjarju, meta l-benefiċjarju jirċievi fondi mingħajr ma jkollu l-ebda kont ta' pagament;

(f) l-indirizz tal-benefiċjarju fir-reġistri tal-fornitur tas-servizz ta' pagament;

(g) kull tranżazzjoni ta' pagament eżegwita msemmija fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 243b;

(h) kull rifużjoni ta' pagament eżegwita għat-tranżazzjonijiet ta' pagament imsemmija fil-punt (g);

2. L-informazzjoni msemmija fil-punti (g) u (h) tal-paragrafu 1, għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) id-data u l-ħin tal-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament jew tar-rifużjoni ta' pagament;

(b) l-ammont u l-munita tat-tranżazzjoni ta' pagament jew tar-rifużjoni ta' pagament;

(c) l-Istat Membru tal-oriġini tal-fondi riċevuti mill-benefiċjarju jew f'ismu, l-Istat Membru, it-territorju terz jew il-pajjiż terz ta' destinazzjoni tar-rifużjoni, kif xieraq, u l-informazzjoni użata biex jiġu determinati l-oriġini jew id-destinazzjoni tat-tranżazzjoni ta' pagament jew tar-rifużjoni ta' pagament skont l-Artikolu 243c."

*Artikolu 2*

1. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2021, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amminstrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-testi ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill-1 ta' Jannar 2022.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jirreferu għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza waqt il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiddeċiedu kif issir din ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

*Artikolu 4*

Din id-Direttiva hi indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*

<u>**DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA**</u>


**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (raggruppament ta' programmi)

1.3. Natura tal-proposta/tal-inizjattiva

1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5. Durata u impatt finanzjarju

1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

2.2. Sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i tal-baġit tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

*3.2.2. Impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

## <u>DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA</u>

### 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

#### 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

It-trażmissjoni u l-iskambju obbligatorji tad-data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT

PLAN/2017/2023 — TAXUD

#### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) (raggruppament ta' programmi)

Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali

#### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ azzjoni ġdida

☐ azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja[50]

☐ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti

☐ fużjoni jew dirottar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn/ma' azzjoni oħra jew azzjoni ġdida

#### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ġew stabbiliti l-istadji importanti li ġejjin għall-proġett:

(1) Tmiem l-2022 — Tkun operattiva s-sistema ċentrali għall-ġbir tad-data minn fornituri ta' pagament u għall-analiżi tar-riskju;

(2) Tmiem l-2024 — Il-feedback dwar l-użu tad-data dwar il-pagamenti, il-kriterji tar-riskju u l-ammont supplementari tal-VAT jiġi vvalutat u provdut mill-Kummissjoni b'mill-inqas żewġ/tliet utenti attivi (Stati Membri).

*1.4.2. Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadann mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza tad-dritt, aktar effettività jew kumplimentarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li altrimenti kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fil-livell Ewropew (ex ante): l-Istati Membri waħedhom ma jistgħux jiġġieldu b'mod effettiv kontra l-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku. L-awtoritajiet tat-taxxa ma għandhomx aċċess għall-informazzjoni dwar il-provvisti transfruntiera min-negozju għall-konsumaturi.

Barra minn hekk, minħabba limitazzjonijiet legali, mhux dejjem ikun possibbli jsir skambju ta' informazzjoni dwar il-pagamenti bejn l-awtoritajiet tat-taxxa tal-Istati Membri, u dan iwassal biex l-għodod ta' kooperazzjoni amministrattiva attwali ma jibqgħux effettivi fir-rigward tal-frodi tal-VAT fil-kummerċ elettroniku.

Valur miżjud tal-Unjoni li mistenni jiġi ġġenerat (ex post)

[50] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Livell ta' konformità tal-VAT ogħla fost il-bejjiegħa mill-bogħod jiġġenera kundizzjonijiet ekwi mtejba għall-kumpaniji kollha li huma attivi fis-settur tal-kummerċ elettroniku. Bl-istess mod, il-livell ta' konformità mtejjeb iwassal għal dħul ogħla mill-VAT u għal inqas diskrepanza tal-VAT.

Għall-fornituri ta' pagament, bl-adozzjoni ta' sistema ċentralizzata unika mal-UE kollha tal-ġbir tad-data dwar il-pagamenti rilevanti għall-VAT, jitnaqqsu r-riskji u l-kostijiet li tiġi rrappurtata l-istess informazzjoni f'formati differenti f'kull Stat Membru tal-UE.

*1.4.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Din hija inizjattiva ġdida. Madankollu, skont il-proġett tal-Punt uniku ta' servizz żgħir (MOSS) li żviluppa pjattaforma Ewropea komuni għad-dikjarazzjoni u għall-pagament tal-VAT fuq is-servizzi elettroniċi madwar l-Ewropa, jistgħu jinsiltu dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

(1) L-implimentazzjoni tas-soluzzjoni teknika trid tiġi ppjanata ħafna minn qabel, biex tkun tista' ssir konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati filwaqt li jitqiesu ż-żmien u r-riżorsi finanzjarji meħtieġa biex tiġi żviluppata s-sistema l-ġdida;

(2) Ir-rekwiżiti biex tinħażen informazzjoni fit-tul għandhom jiġu ponderati sew f'termini ta' kostijiet u benefiċċji;

(3) L-implimentazzjoni tal-inizjattiva għandha tkun akkumpanjata minn kampanja tajba ta' komunikazzjoni sabiex tgħin lin-negozji jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda ta' rappurtar.

Se jintużaw it-tagħlimiet meħuda mill-iżvilupp tas-sistemi tal-IT u l-kooperazzjoni amministrattiva taħt il-programmi Fiscalis u Dwana. B'mod partikolari, l-esperjenza li se tinkiseb fl-iżvilupp tas-Sistema ta' Informazzjoni futura għal Dwana 2 tista' tkun utli għall-bini tal-għodod tal-analiżi tar-riskju għad-data dwar il-pagamenti.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-fondi għall-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva se jingħataw mill-programm Fiscalis.

Fl-aħħar nett, l-inizjattiva se tiġi implimentata flimkien mar-regoli l-ġodda tal-Pakkett dwar is-Suq Uniku Diġitali tal-VAT, b'mod partikolari d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti. Id-data dwar il-pagamenti tippermetti li l-awtoritajiet tat-taxxa jwettqu kontroverfiki tal-informazzjoni ddikjarata mill-postijiet tas-suq, mill-pjattaformi jew minn bejjiegħa mill-bogħod oħra, u li jivverfikaw l-applikazzjoni tal-livell limitu ta' EUR 10 000 għall-provvisti intra-UE.

**1.5. Durata u impatt finanzjarju**

☐ durata limitata

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ durata illimitata

– Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2020 sal-2023,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

### 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[51]

☒ Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi li jissemmew fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

Kummenti

| |
|---|
| Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva abbażi tal-Artikolu 58 tar-Regolament (UE) Nru 904/2010 u r-Regolament (UE) Nru 182/2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni. |

51 Dettalji tal-metodi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju huma disponibbli fis-sit web tad-DĠ BUDG: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

TAXUD se jissottometti rapporti ta' monitoraġġ annwali lill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC).

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

L-inizjattiva se tiġi implimentata b'ġestjoni diretta. Dan il-mod ta' ġestjoni jipprovdi l-aktar allokazzjoni effiċjenti ta' riżorsi finanzjarji u l-akbar impatt possibbli. Joffri lill-Kummissjoni ċerta flessibilità u orjentazzjoni biżżejjed għall-allokazzjoni annwali tar-riżorsi.

L-inizjattiva se tiġi implimentata mill-Kummissjoni permezz tal-akkwist pubbliku.

Għall-akkwist pubbliku, il-modalitajiet ta' pagament huma allinjati bis-sħiħ mal-istandards korporattivi (l-ebda prefinanzjament; il-pagamenti kollha huma marbuta mal-aċċettazzjoni ta' riżultati predefiniti).

Is-sistema ta' kontroll għall-akkwist pubbliku hija bbażata fuq verifika ex ante bir-reqqa tat-tranżazzjonijiet kollha, u b'hekk teskludi kwalunkwe żball fil-ħin tal-pagament.

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskji ġenerali identifikati relatati mal-implimentazzjoni ta' din l-inizjattiva jirreferu għal:

1. In-nuqqas ta' riżorsi finanzjarji u umani għas-soluzzjoni tal-IT dwar ir-repożitorju ċentrali u l-bidliet li kull Stat Membru jrid iwettaq fis-sistemi ta' informazzjoni nazzjonali tiegħu;

2. Ir-riskju għas-sigurtà relatati mal-ħżin u l-ipproċessar ta' data dwar il-pagamenti sensittiva;

Ir-riskji se jiġu indirizzati minn TAXUD bl-appoġġ tal-Istati Membri permezz ta' (i) deċiżjonijiet ta' finanzjament xierqa, (ii) konsultazzjoni estensiva dwar ir-rekwiżiti tekniċi u funzjonali tas-sistemi l-ġodda tal-IT, kif ukoll konsultazzjoni ta' diversi partijiet ikkonċernati u analiżi bir-reqqa mill-Kummissjoni u l-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva ta' indikaturi tal-prestazzjoni u xejriet tas-suq.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u l-valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Peress li l-finanzjament tal-inizjattiva se jsir permezz tal-programm Fiscalis, se tapplika s-sistema ta' kontroll intern speċifika.

TAXUD se jivverfika b'mod regolari l-implimentazzjoni tal-inizjattiva, kemm mil-lat ta' negozju kif ukoll minn dak tal-IT u se jistabbilixxi verifiki ta' ġestjoni regolari fl-unitajiet tiegħu li huma responsabbli mill-amministrazzjoni tat-taxxa, mill-ġlieda kontra l-frodi u mis-sistemi tal-IT għat-tassazzjoni

TAXUD għandu rekord tajjeb u esperjenza xierqa fl-implimentazzjoni ta' sistemi trans-Ewropej tal-IT fuq skala kbira u regoli tan-negozju kumplessi li jinvolvu l-Istati Membri kollha tal-UE. B'mod partikolari, l-esperjenza miksuba miż-żewġ programmi Fiscalis u Dwana se tnaqqas ir-riskji ta' errur (taħt it-2 %).

L-istrateġija ta' kontroll applikata wriet li hija effettiva u effiċjenti fil-kuntest ta' inizjattivi simili preċedenti għall-programm Dwana u l-kost tal-kontroll deher li huwa limitat.

Peress li se jintużaw sistemi ta' kontroll simili għal din l-inizjattiva, il-kost antiċipat tal-kontrolli u l-livell mistenni tar-riskju ta' errur mal-pagament/mal-għeluq jistgħu jitqiesu bħala kosteffettivi.

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Id-DĠ TAXUD jimplimenta Strateġija ta' Kontra l-Frodi (AFS) komprensiva li twassal għal kultura ta' kontra l-frodi fid-Direttorat Ġenerali permezz ta' attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji potenzjali tal-frodi u dwar l-imġiba etika fost il-persunal tad-DĠ TAXUD.

Meta jitqies li l-programm se jiġi implimentat permezz tal-akkwist pubbliku, tapplika d-dispożizzjoni tal-AFS (Objettiv 3 tal-AFS: "Il-ħolqien ta' sensibilizzazzjoni dwar il-possibbiltà ta' kunflitt ta' interess fir-relazzjonijiet ma' partijiet ikkonċernati esterni bħalma huma lobbisti, offerenti u kuntratturi"). Il-miżuri ta' prevenzjoni se jiffukaw fuq 1) iż-żamma ta' reġistru tal-kuntatti mal-lobbisti, 2) il-ġestjoni ċentralizzata tal-proċeduri tal-akkwist pubbliku u l-kuntatti mal-offerenti, 3) it-taħriġ dedikat dwar il-kuntatti mal-lobbisti u se jkun partikolarment applikabbli għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva.

Il-konsultazzjoni obbligatorja mas-Sistema ta' Identifikazzjoni Bikrija u ta' Esklużjoni qabel ma jingħataw il-kuntratti (u kwalunkwe tranżazzjoni finanzjarja) se tkompli tiskoraġġixxi wkoll il-frodi u l-irregolarità potenzjali.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji ġodda tan-nefqa proposti

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru [Intestatura ………………………… ………… ……] | Diff./Mhux diff[52]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[53] | mill-pajjiżi kandidati[54] | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 1 | 03.01 Suq Uniku – Linja amministrattiva<br>03.04 Suq Uniku – Kooperazzjoni fil-qasam tat-tassazzjoni (FISCALIS) | Diff. | LE | LE | LE | LE |

52 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
53 EFTA: l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
54 Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

## 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | |
|---|---|---|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju **pluriennali** | <…> | "Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali" |

| | | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsuma skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1) | Impenji | (1) | 5,400 | 5,550 | 5,235 | 4,585 | 4,585 | 4,585 | 4,585 | | **34,525** |
| | Pagamenti | (2) | | | | | | | | | **34,525** |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[55] | Impenji = Pagamenti | (3) | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet għall-pakkett tal-programm** | Impenji | =1+3 | 5,400 | 5,550 | 5,235 | 4,585 | 4,585 | 4,585 | 4,585 | | **34,525** |
| | Pagamenti | =2+3 | | | | | | | | | **34,525** |

| | | |
|---|---|---|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju **pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |

[55] Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | 2,244 | 0,902 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | | **4,274** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | | | |
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet taħt l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 2,444 | 0,952 | 0,276 | 0,276 | 0,276 | 0,276 | 0,276 | | **4,774** |

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet totali **fl-INTESTATURI kollha** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 7,644 | 6,452 | 5,460 | 4,810 | 4,810 | 4,810 | 8,910 | | **38,798** |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |

### 3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

– Il-proposta teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Snin** | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| INTESTATURA 7 **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | 2,244 | 0,902 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | **4,274** |
| Nefqa amministrattiva oħra | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Subtotal tal-INTESTATURA 7 **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Barra mill-INTESTATURA 7[56] **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 **tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| **TOTAL** | 2,244 | 0,902 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | 0,225 | **4,274** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

56 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

– Il-proposta teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time*

| Snin | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| •Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u aġenti temporanji) | | | | | | | | |
| Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 6 | 2 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 | 0,5 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| •Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-full time: **FTE) — AC, AL, END, INT u JED** [57] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinazjati mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | 9 | 4 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [58] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **15** | **6** | **1,5** | **1,5** | **1,5** | **1,5** | **1,5** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | Iċ-ċifri jinkludu kemm il-persunal li jaħdem fuq il-ġestjoni u l-implimentazzjoni diretti tal-inizjattiva kif ukoll il-persunal li jaħdem fuq oqsma ta' politika appoġġati mill-inizjattiva. |
| Persunal estern | Iċ-ċifri jinkludu kemm il-persunal li jaħdem fuq il-ġestjoni u l-implimentazzjoni diretti tal-inizjattiva kif ukoll il-persunal li jaħdem fuq oqsma ta' politika appoġġati mill-inizjattiva. |

[57] AC = Persunal b'Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondat; INT= Persunal tal-Aġenzija; JPD = Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

[58] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

*3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

## 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

(1) fuq id-dħul mill-VAT

miljuni ta' EUR (aġġustati 'l fuq għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[59] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
| Artikolu ………… | Mhux applikabbli | Mhux applikabbl i | Mhux applikabbl i | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

59 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % tal-kostijiet tal-ġbir.